MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2004

Numru 244/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Abdul Baset Dabia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Abdul Baset Dabia** ta' 35 sena, bin Mohammed u Mabruka Ben Daw, imwieled Tripli, Libya, nhar il-5 ta' Jannar, 1969, residenti 2, Triq il-Mithna, Zurrieq, numru tal-karta tal-identita' numru 19563M;

Talli fil-11 ta' Frar, 2004, fiz-Zurrieq ikkommetta serq ta' stereo u cable TV recorder mil-fond 6, Triq in-Nigret, Zurrieq ghad-detriment tas-sid, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li ma jiskorriex il-mitt lira Maltin;

Talli fis-27 ta' Frar, 2004, fiz-Zurrieq ikkommetta serq ta' stereo minn vettura ghad-detriment ta' sidha Clayton Falzon, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jiskorri l-mitt lira Maltin u x-xorta tal-haga misruqa;

Talli fiz-Zurrieq , matul ix-xahar ta' Frar, 2004, u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data , b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fiz-zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala l-persuna li toqghod nru 2, Triq il-Mithna, Zurrieq , inqabad fil-fatt b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf, jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jewe kkonsumata jew l-esiztenza ta' xi mezzi qarrieqa kif imsemmi fis-subartikolu (2) jitqies ukoll li huwa l-ksur, fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl ghad-dannu tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq u tal-Korporazzjoni EneMalta billi qabbad fili u seraq kurrent elettriku minn fuq il-linja tal-lampi ta-toroq minghajr l-awtorizazzjoni tal-istess Kunsill u l-Korporazzjoani EneMalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termini tal-artikolu 264 (1) u (2), 263, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli kiser il-kundizzjoni tal-art 9 tal-Kap 152 moghtija lilu fl-24 ta' Gunju, 2002, mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D.

Semghet l-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel akkuza, l-provi tal-prosekuzzjoni jirrizultaw biss f'rapport ta' sid il-fond de quo illi kien

insteraqlu stereo u cable decoder wara li xi hadd kien dahal fl-istess fond illegalment.  Fl-istatement tieghu, l-imputat kien ammetta allegazzjonijiet ohra mertu tal-akkuzi in dizamina izda kien mill-ewwel cahad din l-allegazzjoni ta' serq mill-fond ta' missier il-mara tieghu minnu separata.  Haga strabma izda hi li a fol. 56 hemm ammissjoni pjena tal-imputat ghall-akkuzi kollha.  Din l-ammissjoni, kwantu din l-akkuza mhix qed tkun accettata ghaliex ma jidhirx li l-imputat kien jaf x'qed jaghmel.  Dan huwa aktar evidenti fejn l-imptuat jammetti li seraq stereo minn karozza ta' terzi meta irrizulta mill-provi illi wara kollox l-istess stereo kien qieghed fuq is-seat tal-vettura meta intercettat mill-pulizija.

Illi ghalhekk, ma hemm l-ebda prova kontra l-imputat kwantu l-ewwel akkuza;

Dwar it-tieni akkuza, il-Qorti gia accenat ghall-fatt illi ma kien hemm ebda serqa ta' stereo mill-vettura izda se mai attentat ta' serq.  L-istereo kien ghadu fil-vettura meta l-membri tal-iskwadra tas-CID intercettaw lill-imputat li hu stess kien qieghed fil-vettura.  Ghalhekk f'dan ir-rigward ukoll ma tirrizulta l-ebda serqa kommessa mill-imputat kif ravvizata fit-tieni akkuza;

Illi dwar it-tielet akkuza, l-affarijiet jitkellmu wahedhom.  L-istqarrija tal-imputat taqbel  perfettament mal-fatti migjuba a konjizzjoni tal-Qorti fejn jirrizulta illi il-fond fejn kien joqghod l-imputat kien fornit bid-dawl elettriku biss permess ta' komunikazzjoni illecita ma' lampa tad-dawl fit-triq pubblika li kienet a karigu tal-korporazzjoni EneMalta; L-imputat kien stqarr illi huwa kien jaghmel din il-komunikazzjoni ta' kulljum u kien ikollu d-dawl skond il-hinijiet li tinxteghel din il-lampa;  Ma jirrizulta ebda serq ghad-detriment tal-Kunsil Lokali taz-Zurrieq peress illi mix-xheida prodotta l-Kunsill Lokali ma jhallasx ghas-servizz ta' dawl fit-toroq u li tali spiza hija a karigu tal-EneMalta.  Inoltre ma ngiebet ebda prova da kemm kien insteraq dawl u ghalhekk l-aggravju tal-valur ma jirrizultax pruvat;

Illi ghalhekk dwar it-tielet akkuza, il-Qorti qed issib lill-imputat hati kwantu serq ta' kurrent elettriku ghad-

detriment tal-Korporazzjoni EneMalta liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-mezz;

Illi minkejja illi l-imputat kien ukoll akkuza bi ksur tal-artikolu 9 tal-Kap 152, il-prosekuzzjoni ma provdiet l-ebda prova li kien hemm sentenza fil-konfront tal-imputat kif ravvizat fl-ahhar akkuza.  Minkejj li kienet prodotta il-fedina penali tal-imputat, il-Qorti hi tal-fehma illi ma saritx id-debita prova skond il-ligi u ghalhekk mhix qed issib lill-imputat hati tar-raba akkuza;

Wara li rat l-artikoli 261 (b) u (f), 263, 264, 270, 278 tal-Kap 9

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena (1) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------